# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 25 ta' Jannar, 2017**

Kawza Numru: 503/2016JB

Numru: 2

**Liliana Caruana (K.I.: 461280M)**

***vs***

**Fabian Tabone (K.I.: 275182M)**

It-Tribunal,

Ra t-talba prezentata nhar l-4 ta' Novembru 2016 fejn ghar-ragunijiet hemm premessi, l-Attrici talbet li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' hames mija u tmenin euro (€580) liema somma tirraprezenta nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni u sahha tal-ulied minuri tal-partijiet u dan skond kif ordnat f'sentenzi tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tat-12 ta' Lulju 2016 f'kawzi bejn l-istess kontendenti. Talbet ukoll l-ispejjez u l-imghaxijiet;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-15 ta' Dicembru 2016 (a fol 3);

Ra li l-Konvenut, debitament notifikati bl-atti (a fol 4), laqa' ghal din l-azzjoni billi nhar il-25 ta' Novembru 2016 ipprezenta risposta fejn fiha eccepixxa li l-pretensjonijiet tal-Attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza;

Sema' l-provi;

Ra n-nota ta' riduzzjoni prezentata fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2017 fejn l-Attrici rriduciet it-talba bis-somma ta' erba' mija u disgha u sittin euro u dsatax-il centezmu (€469.19) stante pagament fil-mori tal-kawza fil-waqt li zammet ferm it-talba taghha ghall-bilanc kif ukoll dwar il-kap tal-ispejjez;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum;

Ikkunsidra;

Illi l-odjerna kawza tirrigwarda spejjez ta' edukazzjoni u sahha tal-ulied minuri tal-kontendenti. Skond sentenzi tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tat-12 ta' Lulju 2016 f'kawzi bejn l-istess kontendenti, l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni ghandhom jinqasmu bejn il-Konvenut u l-Attrici.

Stante pagament fil-mori tal-kawza odjerna, il-kontestazzjoni hija limitata biss ghas-somma ta' mija u hdax-il euro u wiehed u sittin centezmu (€111.61).

L-Attrici spjegat kif waslet ghas-somma minnha pretiza u insistiet li certi spejjez ma kienetx f'qaghda li tipproduci ricevuti ghalihom. Min-naha tieghu, il-Konvenut spjega li hu mar personalment jivverifika l-ispejjez fil-hwienet minn fejn marret tixtri l-Attrici u sab li certi spejjez huma esagerati. Irrizulta li certi rcevuti ma kienux ghaddew ghand il-Konvenut qabel ma saret din il-kawza.

Ikkunsidra;

Fil-fehma tat-Tribunal, kull wahda mill-partijiet ghandha turi diskrezzjoni f'din il-materja jekk xejn b'sens ta' rispett lejn l-ulied minuri li huma fic-centru tal-kwistjonijiet bejn il-kontendenti li wassluhom f'din il-kawza.

It-Tribunal jifhem li certi spejjez relatati mal-minuri ma jistghux jigu facilment ippruvati izda jqis li min qieghed ihallas ghandu jinghata sodisfazzjon tal-ispejjez. Certament li mhux accettabbli li certi ricevuti ma nghatawx lill-Attur fi zmien utli.

Sabiex jasal f'tarf din il-vertenza, it-Tribunal ivverifika l-ircevuti li jinsabu in atti u tenut kont li l-ammonti huma zghar u l-kontestazzjoni dwar il-*quantum* hija espressa anke f'diskrepanzi ta' centezmi, huwa floku li jigi applikat il-principju tal-ekwita u ghalhekk tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, it-talba attrici kif ridotta se tintlaqa' biss ghas-somma ta' hamsa u tletin euro (€35);

Ikkunsidra;

Illi fejn imiss mal-kap tal-ispejjez it-Tribunal iqis li l-Attrici naqset milli tghaddi certi rcevuti lill-Konvenut fi zmien utli.

Kunsidrat dan (sal-punt li certi rcevuti ghaddew ghand l-Attur fil-mori tal-kawza u anke tenut kont li l-Konvenut wera disponibilita meta ghadda pagament tal-ammont li dwaru kien fi qbil lill-Attrici, jezistu cirkostanzi specjali sabiex jordna li l-ispejjez jinqasmu terz ghall-Attrici u zewg terzi ghall-Konvenut.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-Talba attrici ghall-ammont biss ta' hamsa u tletin euro (€35) u jikkundanna lill-Konvenut ihallas lill-

Attrici s-somma ta' €35, bl-imghax mil-lum.  L-ispejjez kollha tal-proceduri ghandhom ikunu sopportati in kwantu ghal terz mill-Attrici u zewg terzi mill-Konvenut.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Adrian Pace
*Deputat Reġistratur*